

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Frar 2008 — Tomas vs Il-Parlament****(Kawża F-31/08)**

(2008/C 158/46)

Lingwa tal-kawża: Il-Litwan

**Partijiet**

Rikorrent: Stanislavas Tomas (Pavlodar, Kazakhstan) (rappreżentant: M. Michaluskas, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra li r-rikorrent jitkeċċa u l-kumpens għad-danni morali u materjali subiti.

**Talbiet tar-rikorrent**

- tannulla d-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra li r-rikorrent jitkeċċa;
- tikkundanna lill-konvenut iħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 125 000 bħala kumpens għad-danni morali u materjali subiti mir-rikorrent;
- tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fil-4 ta' Marzu 2008 — V vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-33/08)**

(2008/C 158/47)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: V (rappreżentant: C. Ronzi, avokat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2007 li tinforma lir-rikorrenti li hija ma ssodisfatx il-kundizzjonijiet ta' kapaċità fiżika meħtieġa għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea, it-tneħħija mill-inkartament perso-

nali tagħha ta' ċerti rapporti ta' esperti, u t-talba għal kumpens għad-dannu morali u materjali subiti.

**Talbiet tar-rikorrenti**

- Tannulla d-deċiżjoni tal-15 ta' Mejju 2007 li tinforma lir-rikorrenti li hija ma ssodisfatx il-kundizzjonijiet ta' kapaċità fiżika meħtieġa għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea;
- safejn ikun hemm bżonn, tannulla d-deċiżjoni tal-12 ta' Lulju 2007 li tiċħad l-ilment ippreżentat mir-rikorrenti, fl-1 ta' Ġunju 2007;
- tordna t-tneħħija mill-inkartament personali tar-rikorrenti tar-rapporti ta' esperti maħruġa fil-15 ta' Settembru 2006, fil-21 ta' Settembru 2006 u fit-28 ta' Marzu 2007 u, konsegwentement, tiddeċiedi li hemm lok li ssir referenza għall-opinjoni medika inizjali tas-26 ta' Ġunju 2006 li fiha r-rikorrenti kienet ġiet iddikjarata kapaċi għax-xogħol;
- tikkundanna lill-konvenuta tħallas kumpens għad-dannu morali u materjali subiti mir-rikorrenti stmat fuq bażi proviżorja *ex aequo et bono* għal EUR 179 900 (b'interessi għal dewmien li l-ammont tagħhom għandu jiġi kkalkolat bir-rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, miżjuda b'żewġ punti, mill-1 ta' Awwissu 2006);
- tordna l-estensjoni fir-rigward tar-rikorrenti tal-lista ta' riżerva fejn jidher isimha, bħala miżuri proviżorji, jekk is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għandha tingħata wara x-xahar ta' Frar 2009 (data ta' skadenza tal-validità tal-lista ta' riżerva);
- tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Marzu 2008 — Liotti vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-38/08)**

(2008/C 158/48)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Amerigo Liotti (Senningerberg, il-Lussemburgu) (rappreżentant: F. Frabetti, avokat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej